Għajnsielem

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 5– It-Tnejn 28 ta' Ottubru 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fl-4:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| **Skuzat** | Franco Ciangura | Viċi Sindku |

5.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

**5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

5.2.1 Inqraw il-minuti u ġew ikkonfermati.

**5.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

5.3.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa tas-Sindki fejn fost l-oħrajn ġew diskussi l-problemi li kull kunsill qed ikollu bil-kuntratturi speċjalment bil-kuntrattur tad-dawl, nuqqas pulizija u wardens u problemi oħra.

5.3.2 Huwa rrefera wkoll għal-laqgha tal-Kumitat tar-Regjuni fi Brussel. Hu rrefera għal din l-opportunita' bħala waħda pozittiva ħafna u għamel referenza għad-diversi kuntatti li bena anke ma' Sindki oħra Ewropej. Kien hemm diversi diskussjonijiet dwar kif l-Ewropa tista tiġi eqreb ic-cittadin permezz tal-programmi. Huwa semma' li wara din il-konferenza, ntagħżel biex ġimgħatejn oħra jattendi għall-training seminar ieħor mis-6-8 Novembru, EuroPCom dwar il-komunikazzjoni pubblika. Is-Sindku semma' wkoll li ser jibda jservi bħala sostitut fil-Kumitat tar-Reġjuni fi Brussels.

5.3.3 Is-Sindku rrefera għall-problemi kbar li hemm fil-Pjazza tad-Dehra f'dak li huwa sistema tal-ilma tal-funtana, dawl u irrigazzjoni. Mill-ewwel indikazzjonijiet jidher żgur li hemm diversi problemi biex insolvu l-problema tal-leakage tal-ilma darba għal dejjem. Issa li hemm il-pajpijiet mikxufin se naraw l-ilma fejn qiegħed imur. Is-salvavita wkoll kienet qeda taqa u jirriżulta li kien hemm ħafna materjal ħazin u xogħol ħazin fosthom nuqqas ta' tikħil li żgur kien aprti mill-leakage. Il-weraq kien ukoll qed joħloq blockage u sar qbil li sabiex ma nħallux dan ikompli jiġri ser nagħmlu xibka irqiqa dawra mejt fejn jaqa l-ilma. Huwa semma' li l-kunsillier Stephen Mercieca qed jgħin biex jikkoordina dan ix-xogħol. Ix-xogħol qed jagħmlu l-kuntrattur li għamel il-pavimentar, Joe Grima. Ser qbil li għandna nqabdu lil Norbert u Karmenu Cauchi li kienu huma li għamlu x-xogħol oriġinarju tad-dawl u l-ilma peress li jafu x'hemm u flimkien mal-kuntrattur jaraw kif ser isolvu din il-problema darba għal dejjem.

5.3.4 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għal-laqgħa pożittiva ħafna li kellna mal-Kunsill tal-Hamrun fl-uffiċju tagħhom u li dan kollu qed ikompli jsaħħah l-ħbiberija ta' bejnietna. Huwa għamel referenza wkoll għall-parteċipazzjoni tagħna fil-Hamrun Chocolate Festival fejn il-kantanti lokali tagħna kellhom l-okkażżjoni li jesponu t-talent tagħhom barra minn raħalna u faħħar il-fatt li kellna konkorrenza tajba ħafna billi ġejna akkumpanjati minn 100 persuna minn Għajnsielem għal din il-ħarġa. Is-Sindku hawnhekk irringrazzja lill-kusillier Larry Buttigieg li kien huwa li propona u ħeġġeġ din il-ħbiberija li minnha diġa qed naraw benefiċċju kbir. Sar qbil ukoll li ż-żjara li jmiss tkun meta norganizzaw ħarġa għall-anzjani billi neħduhom jieħdu kafe għandhom.

5.3.5 Is-Sindku rringrazzja wkoll lill-ħaddiem Frankie Saliba għal fatt li dak inhar tac-Chocolate Festival, mal-wasla tal-grupp tagħna fl-Imgarr f'nofsillejl, huwa offra li jwassal lil min ma kellux trasport bil-minivan tal-Kunsill. Il-Kunsill kollu apprezza dan il-ġest nobbli għax għamel madwar tmien vieġi. Is-Sindku semma' lis-servizz qed jintlaqa' tajjeb ħafna u qed jiġi estiż. Huwa rrefera għal fatt li kull nhar ta' Tnejn qed iwassal lill-anzjani għal-laqgħa tal-Legion of Mary u lura lejn id-dar.

5.3.6 Is-Sindku rrefera għall-attendenza tiegħu u tal-Kunsillier Stephen Mercieca għal-Laqgħa Plenarja tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Huwa faħħar ħafna l-organizazzjoni tagħha u ddeskriviha bħala jumejn ta' sezzjoniet intensivi ta' taħriġ u tagħlim.

5.3.7 Is-Sindku rrefera għat-talba li kien għamel resident minn Fuq il-Għajn minħabba problema ta' ilma quddiem ir-residenza tiegħu. Wara li mar mal-Perit fuq il-post il-perit ħareġ b'soluzzjoni li jsir waterculvert żgħir quddiem ir-residenza tiegħu u water culvert iehor fil-parti ta' fuq tat-taraġ sabiex jonqos l-ammont ta' l-ilma u jkun aktar aċċessibli fix-xita. Sar qbil li jekk dan ir-resident jikkuntenta b'dan ix-xogħol għandna nipproċedu.

5.3.8 Is-Sindku rrefera għall-ħtieġa li d-defibilatur li ser jitwaħħal fil-lokal u li konna qbilna li jeħel fl-entratura tal-iskola qed jiġi propost li jeħel ħdejn bejn il-każin tal-PN u id-dar tal-Familja Zerafa. Dan il-post intagħżel billi jinsab bejn iż-żewġ pjazez

peress li fl-iskola primarja u fil-Każin tal-Banda diġa jeżisti wieħed u b'hekk ikun aktar ċentrali. Il-Kunsill qabel ma' dan.

5.3.9 Is-Sindku rrefera għal-Bus Stop li kien hemm fil-pjazza eżattament quddiem it-taraġ. Issa li ġejna lura biex nerġgħu nwaħħluha, huwa qed jipproponi li titwaħħal quddiem l-entrance tal-grawnd tal-Football u kullma jintilef huwa parking space wieħed biss. L-iskop ta' dan huwa li hemmhekk inkunu nistgħu nagħmlu Bus Shelter biex wieħed ikun jista jistkenn taħtha. Hemm il-possibilita' li ssir oħra fil-faċċata ħdejn ir-Radju Lauretana. Sar qbil li għandna nressqu din it-talba lill-Parroċċa peress li din trid issir fuq il-bankina.

5.3.10 Is-Sindku rrefera għal-possibilita' li nżidu bus shelters oħra fil-lokal. Sar qbil li għandna nżidu bus shelters fil-bus stop 'Lelluxa' fi Triq Mgarr Road billi napplikaw li ssir waħda fiż-żewġ naħat, oħra faċċata tal-ispizerija fl-istess triq u oħra fil-bus stop li hemm fi Triq il-Ġnien ħdejn it-traffic island billi ssir f'parti mit-traffic island innifisha. Fir-rigward tal-Bus Shelter fi Triq Sant'Antnin sar qbil li għandna nitolbu lill-Ministeru għal Għawdex biex jinkluduhom fid-disinn tagħhom hekk kif jibdew il-proġett ta' din it-triq.

5.3.11 Is-Sindku propona li noħorġu fuljett ta' ħidmet il-Kunsill tlett darbiet fis-sena. Sar qbil dwar dan.

5.3.12 Is-Sindku propona li għandna nagħmlu arma ta' Għajnsielem permezz tal-mosaic fil-faċċata tal-Uffiċini tal-Kunsill. Sar qbil li għandna nkellmu lil Mary Portelli biex tagħmlu flimkien ma' Team Mosaic. Is-Sindku semma' li Team Mosaic ser ikun involut wkoll fil-proġett ta' Triq Borg Għarib kantuniera ma' Triq Simirat u wkoll f'dak ta' Triq iż-Żewwieqa. Hawnhekk il-Kunsill iddiskuta d-disinn ta' Triq iż-Żewwieqa li jinkludu dgħajsa tal-mosaic. Il-Kunsill qabel mad-disinn bil-kundizzjoni li jkun imdawwar bil-bollards u reflectors.

5.3.13 Is-Sindku rrefera għal fatt li l-Ministeru għal Għawdex qed jiġru warajna biex nagħmlu Triq Hamri u lesti li jagħtuna d-differenza biex inkunu nistgħu nagħtu l-award lit-tieni bidder. Meta ntlabna nibgħatu l-Bill of Quantities tat-tieni bidder, li huwa Road Construction Ltd ġie nnotatat li l-ammont totali tal-bid ivarja minn dak li kien jidher fl-opening report. It-total tal-BOQ jgħodd għal €122,592.34. Filwaqt li dak tal-opening report kien imniżżel €159,222.34. Kollox kien jindika li dak tal-opening report kien żbal tat-typing minn naħa tal-kuntrattur meta ssottometta l-offerta. Biex jiġi kkonfermat dan reġgħa tlaqqa' l-bord tal-evalwazzjoni u ġie konfermat li kien żbal u ġiet iffirmata amenda fl-Evaluation Report li ġiet preżentata fil-laqgħa. Il-Kunsill approva din l-emenda u sar qbil li għandna nibgħatu l-award lit-tieni bidder u ninfurmaw lill-Ministeru għal Għawdex rigward dan. Sar qbil li għandna nkomplu nisħqu mal-Enemalta sabiex jgħaddu t-trinka tagħhom kemm jista jkun malajr sabiex tkun jista jsir ix-xogħol minn naħa tagħna.

5.3.14 Is-Sindku rrefera għar-responsibilitajiet tal-kunsilliera u li nġibdet l-attenzjoni mid-dipartiment sabiex nibdluhom biex ikunu konformi mal-liġi. Dan għaliex dekestri partikulari kienu assenjati lil żewġ kunsiliera. Ir-responsibilitajiet ġodda finalizzati kif ġej: -

**Sindku**
Koordinazzjoni tar-riżorsi umani tal-Kunsill
Finanzi
*Proġetti u Tisbieħ
*L-Infrastruttura
*L-Edukazzjoni
*L-Ambjent
*Ħarsien tal-Annimali
Attivitajiet (flimkien mal-Viċi Sindku)
Fondi, Programmi u Proġetti EU
Informazzjoni u Konsultazzjoni Pubblika
Wirt Storiku u Monumenti

**Viċi Sindku**
*Il-Kultura
*L-Innovazzjoni
Attivitajiet (Flimkien mas-Sindku)
Bethlehem f'Ghajnsielem
Ġemellaġġi u Relazzjonijiet ma' Pajjiżi Barranin
Assitenza Fondi u Programmi tal-EU
Żvilupp tal-lokalità bħala destinazzjoni turistika

**Larry Buttigieg**
*Iż-Żgħażagħ u Tfal
*Sports u Attivitajiet Fiżiċi
Bajjiet Pubbliċi
Għaqdiet
Is-Saħħa u Berġa
Koordinatur tal-Festa

**Stephen Mercieca**
*L-Indafa Pubblika
Toroq Residenzjali u Arterjali
Soft Areas
Transport u Immaniġġjar tat-traffiku
Ħarġiet
GhajnsielemFest

**Teddy Saliba**
*Komunitajiet
*Il-Qasam Socjali
*L-Anzjani
*L-Integrazzjoni Soċjali
L-Emigranti
Koordinatur Servizz tal-Minibus
Persuni bi Bżonnijiet Speċjali

**Responsabilta mogħtija skond obbligu bil-Liġi*

5.3.15 Il-Kunsill qabel mal-emendi tar-responsibilitijiet.

5.3.16 Is-Sindku rrefera ghal-Laqgħa mal-Perit Godwin Sultana fejn ġie diskuss il-masterplan għax-Xatt l-Aħmar, tibdil fid-disinn ta' Pjazza Tolfa (fejn infurmajnih bix-xewqa li nħallu l-bushes) u update dwar il-ġibjun li hemm ippjanat fil-Wied il-Kbir taħt il-Pjazza tad-Dehra.

5.3.17 Is-Sindku rrefera wkoll għall-ċint perikoluz li hemm fl-iskola u peress li ma għandhomx ir-rizorsi meħtieġa talbuna ngħinuhom fil-bini tiegħu. Il-kunsill qabel li għandu juza l-ħaddiema tiegħu fil-bini ta' dan il-ħajt biex jevita kull periklu.

## 5.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

5.4.1 Il-Kunsillier Stephen Mercieca faħħar il-fatt li ssewwiet b'mod professjonali l-gradilja ta' quddiem l-iskola. Huwa rrefera wkoll għal ħtieġa li l-traffic hump li hemm fl-istess post titranġa, Il-Kunsill qabel li din għanda titneħħa u ssir traffic calmer tar-rubber minflok kif wkoll issir *zebra crossing.*

5.4 2 Il-kunsillier Stephen Mercieca irrefera għall-ħtieġa li tissolva l-problema tal-ilma fi Triq Dun Speditu Tabone. Is-Sindku spjega kif qed jistenna li toħroġ skema għal-resurfacing ta' toroq u sqaqien u jipprova jdaħħal din it-Triq fiha għaliex l-ispejjeż sabiex tingħata wiċċ ġdid huma kbar ħafna. Filkaz ġie propost li ssir xi sistema ta' water culvert bħalma qed issir fil-preżent fi Triq Malta sabiex issolvi l-problema ta' flooding.

5.4.3 Il-Kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex isir xi patching quddiem il-Familja Agius fi Triq Cordina peress li qed iżomm l-ilma.

5.4.4 Il-Kunsillier Teddy Saliba rringrazzja lill-ħaddiem Frankie Saliba tas-servizz li qed jaghti kmieni filgħodu nkluż għal Ta' Passi u wkoll għat-trips li qed jagħmel f'ħinijiet inkonvenjenti fosthom dawk li offra jagħmel tard filgħaxija wara l-ħarġa f'Malta b'konnessjoni mal-Festival tal-Hamrun.

5.4.5 Il-Kunsillier Teddy Saliba talab sabiex isir recycled bin fi Triq iż-Żewwieqa ħdejn il-Belvedere.

5.4.6 Il-Kunsillier Teddy Saliba fakkar fil-ħtieġa sabiex isir it-tindif tal-wied. Is-Sindku rrefera għad-diversi talbiet li għamel lis-sidien ta' Mgarr Heights biex ineħħu dik it-tabella biex ikun jista jsir dan ix-xogħol iżda baqgħet ma tneħħitx. Sar qbil li jekk jibqgħu ma jneħħuhiex ineħħuha aħna u nipproċedu bix-xogħol. Il-Kunsillier Saliba ressaq it-talba ta' dawk li jagħmlu użu mill-bankijiet ta' Triq iż-Żewwieqa fejn talbu sabiex isiru bankijiet aktar komdi. Sar qbil li għandna ninvestu f'sett bankijiet komdi u dawk eżistenti jiġu xxiftjati taħt meta jsir it-tindif meħtieġ.

5.4.7 Is-Sindku rrefera għall-Belvedere ta' Triq Hamri fejn fil-parti t'isfel hemm ħafna bankijiet ġodda li m'humiex jintużaw. Huwa propona li dawn jitneħħew u jitpoġġew fi Triq iż-żewwieqa fejn qed isemmi il-Kunsilier Teddy Saliba u minflokom nagħmlu outdoor gym.

5.4.8 Il-Kunsillier Stephen Mercieca rrimarka li kemm jista jkun x-xiri jsir mingħand suppliers minn Għajnsielem u ix-xogħol jinqasam bejn kulħadd.

5.4.9 Il-kunsillier Teddy Saliba talab sabiex isiru Traffic Lights mal-Pedestrian Crossing ta' ħdejn l-ispizjara fi Triq l-Imġarr biex tkun ukoll qed isservi bħala miżura biex jisslowja t-traffiku. Sar qbil li għandna nressqu din it-talba lill-Transport Malta.

## 5.5 Korrispondenza u Rapporti

5.5.1 Għal-laqgħa ġie mistieden is-Sur Joseph Caruana l-awtur Għanselmiż tad-dizzjunarju 'Termini Nawtiċi'. Is-Sindku rringrazzjah f'isem il-Kunsill li laqa' it-talba sabiex jiltaqa' magħna u jippreżentalna dan il-ktieb tant prestiġjuż u li jagħmilna kburin li resident minn Għajnsielem irnexxielu jippublika publikazzjoni ta' dan il-kalibru. Is-Sindku spjega kif timmeravilja ruħek bid-dettalji li hemm u apprezza li sar bil-malti u bl-ingliż. Is-Sindku Kevin Cauchi propona li xi darba norganizzaw sezzjoni ta' tagħlim ibbażata fuq dan il-ktieb. Huwa spjega kif bħala Kunsill għandna pjan ukoll li oqsma bħal dawn isibu posthom ġo Mużew t'Għajnsielem li għandna pjan għalih fil-futur qarib Is-Sur Caruana minn naħa tiegħu rringrazzja lill-Kunsill talli għaraf japprezza dan ix-xogħol li ilu jaħdem fuqu għal aktar minn tletin sena. Huwa spjega kif minn meta kien tfal kien jisma termini u jmur id-dar iniżżilhom fuq paġni. Kien imħeġġeġ anke mingħand Profs Aquilina sabiex jipprovdilu termini marbuta mad-dgħajjes u wara kien hemm min heġġu biex jippublika dizzjunarju. Għamlu bil-malti u wara ġie mħeġġeġ biex jagħmlu wkoll bl-ingliz. Spjega kif eventwalment iltaqa' ma' publishers u saru xi illustrations magħmulin minnu wkoll. Is-Sindku mill-ġdid awguralu u wegħdu li jekk tiġina l-opportunita żgur li ser nxerduh kemm nistgħu ġol-libreriji.

5.5.2 Ġiet trattata t-talba sabiex Triq l-Imrejżbiet minn naħa ta' Triq il-Qigħan issir one way. Sar qbil li għandna nitolbu lill-Transport Malta għall-kummenti tagħhom.

5.5.3 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta fi Triq il-Gudja għal *double yellow lines* faċċatta ta' l-entratura tagħha. Sar qbil li għandna nibgħatu din it-talba lill-Transport Malta.

5.5.4 Ġiet trattata t-talba mingħand resident ta' Triq il-Qigħan, għal one metre double yellow fuq kull naħa ta' żewg garaxxijiet. Talab ukoll li tiġi msewwija l-bankina bil-concrete. Il-Kunsill qabel li għandu jsewwi l-bankina u jgħaddi t-talba tal-yellow lines lill-Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom.

5.5.5 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta fi Triq Borg Għarib biex titneħħa Communial disabled parking bay fi Triq Bengħazi kantuniera ma' Triq Borg Għarib peress li min kien talab għaliha ma għadux jgħix hemm. Sar qbil li għandna ninfurmaw lill-Transport Malta b'dan.

5.5.6 Ġiet trattata t-talba minn l-Enemalta biex jinżabru is-siġar fi Triq tal-Qala peress li qed jostakolaw id-dawl tal-bozoz. Sar qbil li għandna ngħaddu din it-talba lill-Ministeru għal Għawdex peress li tinsab fi triq arterja.

5.5.7 Ġiet trattata t-talba mingħand resident fi Triq Fuq il-Għajn sabiex il-fanali ta' din it-triq u t-taraġ jinbidlu b'bozoz aktar qawwija u biex terġa teħel il-oneway sign fi Triq Fuq il-Għajn minn Ħamri. Il-Kunsill qabel li l-bozoz ser jinbidlu f'warm white bħal bqija taċ-Ċetnru tar-raħal iżda ma qabilx mal-One Way peress li hemm Dead End sign u qegħdin moqdija tajjeb biha.

5.5.8 Ġiet trattata t-talba mingħand resident sabiex żewġ flower pots fi Pjazza Indipendenza jergħu jipoġġew f'posthom.

5.5.9 Is-Segretarja rreferiet għall-ħruġ ta' permess mill-ERA sabiex jinżabru diversi siġar fil-lokal. Sar qbil li niżbruhom kemm jista jkun malajr.

5.5.10 Ġiet trattata t-talba mingħand il-pulizija sabiex issir Sentry Box b'konnessjoni ma' parkeġġ ta' sigurta nazzjonali. Il-Kunsill ma qabilx li s-Sentry Box issir quddiem ta' xi residenti u għalhekk propona li ssir taħt il-post propost biswit it-taraġ.

5.5.11 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat il-Quarterly Financial Report għall-perijodu ta' bejn Ġunju-Settembru 2019. Il-Kunsill b'sodisfazzjon innota bilanċ ta' €218,000.

5.5.12 Is-Segretarja ħabbret ukoll li llum irċevejna l-aħbar li għall-applikazzjoni tal-libreriji l-Kunsill ħa l-massimu possibli, l-ammont ta' €3,000 biex b'hekk ikun jista jagħmel it-tisbieħ meħtieġ appena jipprovdilna d-disinni meħtieġa Paul Stellini.

## 5.6 Attivitajiet u ħarġiet

5.6.1 Is-Sindku rrefera b'sodisfazzjon għall-ġita tal-Fesival tal-Hamrun Chocolate Festival li għalih kellna attendenza tajba ħafna u dan kollu jawgura tajjeb għall-futur. Is-Sindku rrefera wkoll għall-attivitajiet organizzati JP2 Foundation li t-tnejn li huma rriżulta li kienu ta' suċċess ukoll. Is-Segretarja rreferiet għall-messaġġ li rċeviet mingħand Charlie Zammit dwar id-diżappunt tiegħu li ħadd mill-Kunsill ma marx għas-serata li nżammet fil-Knisja. Is-Sindku rrefera wkoll għall-ħarġa tal-anzjani li wkoll kienet ta' suċċess peress li għaliha kellna attendenza ta' 'l fuq minn mitt persuna. Il-kunsilliera lkoll qablu li peress li qed jintlaqgħu tajjeb u li l-Kunsill kullma qed jiswewlu huwa biss it-trasport, għandna nagħmlulhom waħda fix-xahar. Rigward il-labra tal-influenza, is-Sindku rringrazja lil-kunsillier Larry Buttigieg għal mod kif ikkoordina x-xogħol peress li għal din ukoll kellna wkoll konkorrenza tajba. Is-Sindku rrefera għat-*talk* dwar id-dieta bilanċjata mingħand Marion Mizzi u li jidher li hemm rispons tajjeb ħafna għaliha. Is-Sindku rrefera wkoll għall-kommemorazzjoni tal-vittmi tal-għarqa li għaliha attendew il-kunsilliera Teddy Saliba u Stephen Mercieca. Is-Sindku spjega kif mill-llum beda s-servizz tal-*kerbside collection* darba f'xahar u dan jidher ukoll li telaq fuq nota tajba ħafna. Is-Sindku rrefera għall-attivita' li jmiss, dik tal-ewwel edizzjoni tal-Halloween u talab lill-kunsillier sabiex min jista jagħti daqqa t'id. Huwa spjega kif it-tiżjin li ordnajna wasal biss terz minnu peress li ġie ordnat minn barra. Is-Sindku faħħar lill-ħaddiem Josef Camilleri tal-biċċa xogħol tajba li għamel peress li għamel ħafna tiżjin anke

permezz ta' materjal riċiklat. Is-Sindku propona wkoll li għandna nżejjnu żewġ siġriet kbar li hemm fil-ġnien ta' quddiem il-Kunsill bi dwal għal zmien il-Milied.

5.6.2 Ġie propost li għandna nagħmlu ħarġa għall-Malta nhar it-2 ta' Diċembru. Sar qbil li għandna nibdew il-ħarġa b'kafe fil-Hamrun, wara żjara fl-Imdina, ikla buffet f'lukanda u wara Shopping f'The Point ta' Sliema.

5.6.3 Is-Sindku propona li bħala attivitajiet tal-Milied għandna nżommu laqgħa apposta u wkoll fiha niddiskutu Ġieħ Għajnsielem.

## 5.7 Pjanti tal-embellishment Triq Borg Għarib kantuniera ma' Simirat

5.7.1 Is-Sindku preżenta d-disinni preparati mill-Perit Shawn Micallef għat-tisbiħ tal-open space li jinsab fi Triq Borġ Għarib kantuniera ma' Triq Simirat. Il-Kunsill qabel mad-disinn u għalhekk sar qbil li għandna nitolbuh sabiex jipproċedi billi jipprepara l-Bill of Quantities biex inkunu nistgħu napplikaw bihom għall-Fondi tal-LESA tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

## 5.8 Applikazzjoni tal-Unjoni Ewropea - Rejuvenating Gozo

5.8.1 Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni li għadha kemm ġiet ippublikata għall-fondi taħt Mizura 4 tal-GAG Rejuvenating Gozo. Is-Sindku spjega li kif qbilna se nkunu qed napplikaw għall proġett tal-Playingfield tal-Gudja bil-kunċett ta 'Learning Garden'. Huwa spjega li dan se jkun playingfield għat-tfal u familji b'differenza u se jinkorpora fih spazju ta' tagħlim li jolqot kull abilita' u dizabilita'. Il-proġett se jħaddan l-kunċett ta' 'learning through landscape' li qed ikun ferm popolari barra minn Malta. Il-'learning garden' se jkollu aċċenn għal persuni b'diżabilita u tfal bl-awtiżmu grazzi għal aċċenn fuq l-element tas-sensi li se jkunu inkorporati fil-proġett. Huwa semma kif għażilna żewġ NGOs li huma l-'Birdlife' u 'Gozo Federation for Persons with Disabilities' li ser ikunu l-partners tagħna f'dan il-proġett. Is-Sindku spjega kif Birdlife Malta laqgħetna ma' esperta f'dan il-qasam li hija wkoll qed tagħtina l-kontribut siewi tagħha f'dawk li huma proposti. Dawn kollha ingħaqdu fi proposta waħda u l-perit ħareġ bi pjanta tajba ħafna li tinkluzi wkoll siġar endemici. Il-pjanta tinkludi wkoll amphitheatre li jista jintuża għat-tfal tal-iskejjel biex jagħmlu lezzjonijiet fl-apert, għal serati muzikali u letterarji, eċċ. Jekk l-ispazju jippermetti, se ninkludu wkoll boċċi pitch biex inkomplu nsaħħu t-tradizzjonijiet. Id-dwal se jsir b'enfazi fuq it-tnaqqis tal-'light pollution' u naħsbu anke għall-bus shelter. Il-kunsilliera faħħru dan il-proġett li verament sar bi ħsieb u b'impenn u approvaw li għandna mmexxu b'din l-applikazzjoni.

## 5.9 Evalwazzjoni tat-Tender tal-Hitan tas-Sejjieħ tal-Mizura 4.4

5.9.1 Is-Segretarja spjegat kif irċevejna li l-applikazzjoni tal-Mizura 4.4 it-tieni sejħa li għaliha applikajna għall-ħitan tas-sejjieħ fil-Wied il-Kbir ma ġietx aċċettata minħabba ma kellniex risposta tal-korrispondenza mal-Awtorita' tal-Ippjanar. Bħala Kunsill konna bgħatna u ssottomettejniha mal-applikazzjoni.

5.9.2 Fir-rigward tal-Mizura 4.4 li tinkludi ħitan tas-sejjieħ fi Triq ix-Xatt l-Aħmar u restawr tal-arkata, sar qbil li għandna nitolbu sabiex il-fondi tar-restawr tal-Arkata jinqalbu fuq il-ħitan tas-sejjieħ peress li ser ikun impossibli li jsir dan ix-xogħol peress li m'għandniex permess tal-Planning Authority u mhux ser jirnexxielna nġibu dan sa meta tagħlaq il-Miżura. Il-Kunsill qabel li għandu jressaq din it-talba sabiex ma jintilfux il-fondi.

## 5.10 Masterplan Xatt Aħmar

5.10.1 Is-Sindku rrefera għall-Masterplan li hemm propost għax-Xatt l-Aħmar mill-Ministeru għal Għawdex. Huwa rrefera għal-laqgħa li kellu mal-Perit ta' dan il-Proġett Godwin Sultana. Is-Sindku spjega l-proġett fuq il-pjanti provduti li prattikament jiffoka fuq l-area ta'ħdejn l-Scuba diving paving area li issa se jkolla showers ġodda, parkeġġ akbar u passaġġi ġodda. Is-Sindku spjega kif huwa propona li bħala triq issa li ssir one way il-fuq minn Sant Eliju bbilli saret ġdida bil-konkrit. Huwa spjega kif talab wkoll sabiex il-parti tat-triq li tibqa niezla sal-parkeġġ u li dan is-sajf ingħatat it-torba issir wkoll bic-cement. Huwa semma kif fil-laqgħa mal-Perit saħaq dwar l-importanza tal-ħtieġa li titrakka dgħajsa (anke jekk fis-sajf biss) u swimming zone fil-parti magħrufa bħala 'il-ħalq' li tibda min fejn qabel kien hemm l-psringboard. Huwa qal wkoll kif hemm propost li ssir promenade mill-Scuba Diving area sa fejn kien hemm l-ispringboard.

5.10.2 Il-Kunsill laqa' b'entużjażmu l-proposti kollha li hemm fil-Masterplan u wiegħed li ser jissapportja dan il-proġett.

## 5.11 Librerija madwar ir-raħal u Cat Shelters

5.11.1 Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni li ssottomettejna biex isiru diversi Cat shelters fil-lokal fosthom fil- Gudja, Baħħara u f'Ta' Passi. Is-Sindku rrefera għal fatt li persuna qabdet u poġġiet cat shelter ħdejn il-monument tal-vittmi tal-gwerra mingħajr ma talbet permess tal-Kunsill. X'ħin indunajna waħħalna nota biex titneħħa, din avviċinatna u kienet inkwetata ħafna għax qalet li l-qtates imdorrijin fil-post u mhux la kemm tħarrkilhom l-abitat tagħhom. Il-Kunsill minn naħa l-oħra rċieva diversi lmenti mir-residenti li qed ikun hemm il-ħmieġ u riħa tintenn. Il-Kunsill ma qabilx li għandha titħalla f'dak il-post anke b'rispett lejn l-istess monument. Sar qbil li għandna naħsbu f'post alternattiv fl-inħawi.

5.11.2 Is-Sindku ppropona li jsiru Mini Open libraries f'diversi siti fil-lokal fosthom fi playing fields, belvedere, pjazez u open spaces oħra. Sar qbil li għandna nħabbru din l-inijzattiva u magħha norbtu 'Bring a Book Campaign' . Sar qbil ukoll li t-Telephone box li hemm ħdejn il-grawnd tal-footbal għandha tinbidel f'librerija.

5.11.3 Il-Kunsillier Teddy Saliba rrimarka li qed nwettqu ħafna proġetti validi u li jiswew ħafna flus u jinħtieġ li jiġu protetti għall-vandalizmu permezz ta' security cameras. Il-

Kunsill qabel ma' dan. Is-Sindku qal li jixtieq li jsir pjan serju dwar numru ta' security cameras madwar ir-raħal li jkunu jaħdmu b'sistema waħda.

5.11.4 Il-Kunsillier Teddy Saliba propona wkoll sabiex nintroduċu n-Neighbourhood watch. Sar qbil li għandna nistħarrġu fuq l-aħjar implimentazzjoni għal dan il-kunċett.

## 5.12 Servizz ta' Data Protection Officer (DPO) għal Kunsill

5.12.1 Is-Sindku Kevin Cauchi spjega li biex inkunu konformi mad-Data Protection jinħtieġ li jkollna s-servizz ta' Data Protection Officer. Huwa spjega kif ir-Regjun Għawdex ġab pakkett u aħna nistgħu nibbenifikaw minn dan il-pakkett. Il-Kunsill qabel li għandna naraw x'joffri dan il-pakkett.

## 5.13 Bethlehem f'Għajnsielem

5.13.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li rċevejna l-konferma li l-President jista jattendi izda fl-4:00pm. Sar qbil li għandna nikkonfermaw mas-CVC rigward il-kollegament dirett televisiv ta' din l-inawgurazzjoni Sar qbil li għandna nagħmlu laqgħa oħra tal-Kumitat.

## 5.14 Twaqqif ta' Sotto Kumitati

5.14.1 Is-Sindku propona li sabiex ikollna ftit għajnuna għandna nwaqqfu xi sottokumitati. Sar qbil li b'effett immedjat għandna nwaqqfu sottokumitat għaż-żgħazagħ, ieħor għall-anzjani, ieħor għall-attivitajiet u wkoll nieħdu ħsieb inwaqqfu Kunsill għat-Tfal. Is-Sindku talab li l-kunsilliera responsabbli minn dawn l-oqsma għandhom jgħinu fit-twaqqif ta' dawn il-kumitati.

## 5.15 Laqgħa tal-Lokalita'

5.15.1 Għal-laqgħa tal-lokalita' attendiet residenta u s-Sindku ta' rapport dettaljat tal-ħidma li qed iwettaq u li bi ħsiebu jwettaq dan il-Kunsill matul il-ħames snin li jmiss.

5.15.2 Huwa spjega kif bħala attivitajiet ma aħniex neqsin u dejjem nipprovaw nolqtu kull settur u kull eta u dan l-istess attivitajiet jiġu organizzati ta' spiss.

5.15.3 Bħala proġetti nfrastrutturali is-Sindku esprima x-xewqa li kull żona tar-raħal tgawdi b'xi mod jew ieħor mill-benefiċċju tal-Kunsill. Huwa elenka numru ta' proġetti fosthom:

- **Pjazza Tolfa** ser nimmodifikaw il-pjanti sabiex jinżammu il-bushes jew parti minnhom u nipprovaw inżommu l-ispejjes raġonevoli. Se nippruvaw nagħtu bidu mmedjat għal dan il-proġett.

- Huwa rrefera għall-proġetti b'fondi tal-EU fosthom **bini ta' ħitan tas-sejjieħ u bini tal-Arkata**. Huwa spjega kif għandna nkomplu fuq l-istudju tagħha u nakkwistaw il-permessi f'idejna biex b'hekk malli toħroġ xi applikazzjoni napplikaw għaliha u nkunu ċerti li nistgħu nwettquh.

- Proġett ieħor li jixtieq iwettaq dan il-Kunsill huwa refurbishment tal-**Playing Field Amabile Cauchi.** Is-Sindku qal li f'dan il-playingfield għandu jsir tisbieħ u jinbidlu l-Playing Equipment. Huwa semma li għalkemm fil-passat kien hemm il-pjan li jsir proġett fuq livelli differenti u jibqa nieżel sal-wied, dan jirrikjedi fondi kbar u għalhekk jagħmel aktar sens li jibqa kollox fuq il-livell preżenti u nagħmlu tisbieħ neċċessarju flimkien max-xiri ta' Playing Equipment ġdid li wkoll jammontaw għal eluf kbar ta' ewros. L-equipment li għandna llum nistgħu nagħtuhom lill-iskola primarja biex kull kif jibqgħu jgawdu minnhom it tfal tagħna. Is-Sindku qal li bosta familji bit-tfal żgħar ma' jridux jaraw proġett kbir li jieħu ħafna snin biex isir iżda ambjent sabiħ u attrezzat tajjeb fejn jilgħabu it-tfal. Il-Kunsilliera kolla qablu ma' din id-deċiżżjoni.
- Huwa sema proġett ieħor, dak li ngħinu lis-Soċjeta tal-Museum jwettaq il-**proġett ta' grawnd bit-turf**. Huwa rrefera għall-istima li taqbeż l-€23,000 u li l-Kunsill ser jistħarreġ u jara jsibx xi skema jew proġett u jaddattah għalih.

- Proġett ieħor li ser jinbeda minnufih huwa **refurbishment tal-Librerija Pubblika**. Diġa għamilna sistema arja kundizzjonata u qed naħdmu fuq disinn kif il-librerija nagħmluha aktar attraenti biex niġbdu kemm jista jkun tfal lejha.

- Is-Sindku rrefera wkoll għall-proġett ta' **mixjiet fil-kampanja u tisbieħ tal-belvedere ta' Sant Eliju**. Huwa qal li dawn il-mixjiet jinkludu tisbieħ anke permezz ta' introduzzjoni ta' bankijiet u anke stampar ta' fuljett informattiv b'tagħrif dwar il-'planitation' u dwar l-inħawi.

- Proġett ieħor li jolqo lir-residenti tat-Torri huwa **tisbieħ fi Triq il-Qigħan** fejn nagħmlu ftit bankijiet tul it-triq u nirranġaw il-ħitan sabiex b'hekk mix-xejn noħolqu belvedere ieħor fil-lokal.

- Is-Sindku rrefera wkoll li l-Kunsill għandu pjan ta' **resurfacing ta' toroq** fosthom Triq Hamri li ser tinbeda dalwaqt. Aktar il-quddiem ser nibdew naħdmu fuq Triq il-Ġnien u Triq Għajnsielem. Bħala toroq li għadhom qatt ma saru fadal Triq Wied Martin u Triq Patri Odorik Mizzi.

- Il-Kunsill għandu jkompli jaħdem fuq **'Ta' Passi Family Park'** fejn din l-area tinbidel f'park ta' attivitajiet għas-sena kollha.

- Finalment, proġett ieħor ambizzjuż u ta' potenzjal kbir huwa dak taċ-**Ċentru tal-Komunita'**. Dan huwa proġett li għandu jkun jinkludi fih parkeġġ u store għall-Kunsill, swali tal-esebizzjonijiet, sala għall-għaqdiet, mużew storiku, lattrina pubblik, klabb tal-boċċi u faċilitajiet oħra meħtieġa. Il-Kunsill qabelli għandu jgħaddi dan il-Proġett lill-Perit Edward Scerri biex jinbeda l-proċess. Il-proġett

għandu jinqasam f'partijiet differenti sabiex ikun jista jsir fuq medda ta' snin u anke jkun possibli li partijiet minnhu jiġu applikati fondi ta' għajnuna mill-EU.

5.15.4 Il-kunsilliera laqaw b'entużjażmu dan il-pjan ta' ħidma u sar qbil li jibda ix-xogħol ta' preparamenti fuq pjanti, permessi, boq u dak kollu relatat ma' dawn il-proġetti.

5.15.5 Is-Sindku talab xi suġġerimenti u kummenti minn dawk preżenti. Ir-residenta preżenti faħħret il-ħidma tal-Kunsill u stqarret li qed tħossha mpressjonata bil-ħidma u pjanijiet validi li għandu l-kunsill favur il-lokalita'.

## 5.16 Approvazzjoni tal-Pagamenti

5.16.1 Is-Segretarja preżentat l-iskeda tal-pagamenti u ġew approvati.

## 5.17 Materji oħra

5.17.1 Il-kunsillier Teddy Saliba staqsa jekk hux ser isir railing fin-nofs tat-taraġ. Is-Sindku wieġbu li s-suġġeriment tal-perit kien li għalissa nagħmlu railing tal-ġnub u naraw xi ħtiġijiet u talbiet ser ikollna.

## 5.18 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

5.18.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:30pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgha 13 ta' Novembru 2019 fis-6:00pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**